**STQARRIJA MINISTERJALI MILL-MINISTRU GĦALL-IŻVILUPP SOSTENIBBLI, L-AMBJENT U T-TIBDIL FIL-KLIMA, L-ONOR. JOSÉ HERRERA, FIS-SEDUTA 425 TAL-11 TA' OTTUBRU 2016**

Ġejt hawnhekk illum sabiex f'din l-ewwel okkażjoni tiegħi nagħmel stqarrija uffiċjali dwar ir-ratifikar tal-ftehim ta' Pariġi dwar it-tibdil fil-klima. Illum kulħadd jammetti li t-tibdil fil-klima qed iġib miegħu problemi serji għal ħafna pajjiżi u għall-ewwel darba 'l fuq minn 195 pajjiż minn madwar id-dinja waslu għal ftehim obbligatorju dwar azzjonijiet li jridu jieħdu sabiex itaffu l-emissjonijiet ta' gassijiet serra.

Irrid ngħid li nħossni kburi kemm bl-eżitu tal-laqgħa straordinarja tal-Kunsill tal-Ministri għall-Ambjent tat-30 ta' Settembru fi Brussell u anke bil-preparamenti uffiċjali li saru bħala Malta sabiex tkun fost tal-bidu li tirratifika l-ftehim ta' Pariġi.

Illum f'din l-istqarrija uffiċjali ser inkun qed nagħti rendikont fuq dawn iż-żewġ fronti, li għalkemm jidhru kumplimentari, huma differenti minn xulxin.

Malta antiċipat ħafna mill-bqija tal-pajjiżi tal-Unjoni Ewropea u ma qagħditx tistenna lil ħaddieħor, biex b'hekk konna fost tal-bidu li rratifikajna l-Ftehim ta' Pariġi.

Għaliex għamilna dan?

Għamilna dan għaliex:

1. F'lejlet il-bidu tal-Presidenza ta' Malta tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea ridna nwasslu messaġġ ċar u b'saħħtu li dan huwa suġġett għal qalbna ħafna u lesti sabiex nerfgħu r-responsabbiltajiet tiegħu fl-ewwel sitt xhur tas-sena d-dieħla waqt il-Presidenza ta' Malta.

2. It-tieni għax qed nantiċipaw minn issa t-triq li irridu nagħżlu li nieħdu biex pajjiżna jħares lil hinn mill-2020 meta jikkonsidera dak li huwa meqjus bħala tniggiż fl-arja hekk kif inhu mfassal fil-ftehim li ntlaħaq Pariġi.

M'hemmx dubju li dan il-Gvern bil-fatti qed jagħmel tibdiliet kbar fejn tidħol l-azzjoni kontra t-tibdil fil-klima f'pajjiżna.

Naqqasna l-emissjonijiet fl-arja meta għalaqna l-*power station* tal-Marsa.

Lestejna l-*interconnector* li taħt l-amministrazzjoni preċedenti tħalla jaqa' lura.

Tajna inċentiv bla preċedent liċ-ċittadini biex jinvestu f'arja aktar nadifa b'mod partikolari b'użu ta' panelli fotovoltajiċi.

Qed nittrasformaw lil pajjiżna biex minn pajjiż dipendenti fuq l-aktar żejt li jniġġeż (*heavy fuel oil*), jiġġenera l-elettriku b'mod alternattiv li jirriżulta f'arja aktar nadifa, u tnaqqis fl-emissjonijiet.

Wara l-approvazzjoni mill-Unjoni Ewopea, il-Gvern għaddej b'ħidma biex isir *pipeline* tal-gass bejn Malta u Sqallija.

Dan huwa Gvern li bil-fatti qed jagħmel rivoluzzjoni fejn jidħol it-tnaqqis tal-emissjonijiet. Għalhekk b'wiċċna minn quddiem li bħala pajjiż nibagħtu messaġġ ċar u b'saħħtu li nkunu tal-bidu li nirratifikaw il-ftehim ta' Pariġi.

Għandna storja sabiħa x'nirrakuntaw. Għandna riżultati pożittivi x'ngħidu. Għandna biex inkunu kburin li bħala pajjiż qed nikkontribwixxu biex fuq livell Ewropew u internazzjonali, Malta fil-limitazzjonijiet tagħna, innaqsu l-emissjonijiet tagħna anke jekk baqgħalna x'naqdfu f'dan ir-rigward.

Mhux ta' b'xejn li meta l-Unjoni Ewropea tħares lejn Malta fejn jidħlu l-proġetti tagħna għal ġenerazzjoni ta' enerġija, dawn il-proġetti tqishom ta' interess komuni u għalhekk huma essenzjali għall-Unjoni Ewropea daqs kemm huma essenzjali għal pajjiżna.

Ma rridx ngħid u lanqas irrid niftiehem li fejn jidħlu l-emissjonijiet, bħala pajjiż wasalna u m'għandna xejn x'nagħmlu. Għall-kuntrarju baqgħalna deċiżjonijiet x'nieħdu fejn jidħlu emissjonijiet li huma ġġenerati mhux biss b'konsegwenza tal-enerġija, u naħseb bħala pajjiż dak li rridu nagħmlu. Li nkomplu ninvestu f'mezzi ta' trasport li jniġġżu anqas, trasport alternattiv u inizzjattivi oħra biex nagħmlu l-kwalità tal-arja tagħna aktar nadifa li twassal għal saħħa aħjar għal sħabna Maltin u Għawdxin.

Ftit anqas minn ġimgħa ilu, Malta uffiċjalment irratifikat il-ftehim ta' Pariġi ġewwa l-Uffiċċju tal-Affarijiet Legali tan-Nazzjonijiet Uniti ġewwa New York, l-Istati Uniti u għalhekk kienet fost waħda minn sitt membri oħra tal-Unjoni Ewropea li flimkien mal-Unjoni Ewropea rratifikaw dan il-ftehim u li għalhekk issa pajjiżna huwa obbligat li jonora l-obbligi li joħorġu minn dan il-ftehim.

Dan kien mument storiku għal pajjiżna fejn jidħol it-tibdil fil-klima għaliex wara dak li diġà għamilna u kif kelli l-opportunità li nispjega waqt din l-istqarrija ministerjali, ser ikunu qed inpoġġu fuq pajjiżna responsabbiltajiet ġodda li bħala pajjiż irridu nonoraw. Minkejja li l-miri li qed ipoġġi dan il-ftehim huma ambizzjużi, il-Gvern huwa kommess li jkompli l-ħidma tiegħu u jfassal l-ewwel Low Carbon Development Strategy għal Malta.

B'dak li ghamilna ġimgħa ilu, Malta reġgħet kienet ma' dawk il-pajjiżi fuq quddiem, kemm fi ħdan l-Unjoni Ewropea kif ukoll fuq livell dinji, biex jikkomettu ruħhom li jikkumbattu t-tibdil fil-klima.

Dan qed nagħmluh billi qed nibagħtu sinjal ċar li ser naħdmu biex innaqqsu l-emissjonijiet tal-gassijiet serra f'pajjizna kif ukoll li nieħdu dawn l-azzjonijiet f'waqthom ħalli nikkonvertu l-ekonomija f'waħda iktar ċirkulari u ħadra.

Irrid ngħid li dan mhux l-ewwel u l-uniku sinjal li tajna imma kemm fi ħdan in-Nazzjonijiet Magħquda fil-passat u anka s-Summit dwar l-Azzjoni fuq il-Klima li sar matul iċ-CHOGM f'Novembru li għadda, Malta dejjem tat turija tal-impenn tagħha f'dan is-suġġett.

Taħt il-Ftehim ta' Pariġi, l-Istati Membri tal-Unjoni Ewropea obbligaw ruħhom li jnaqqsu l-emissjonijiet serra b'40% sas-sena 2030 ikkomparat mas-sena 1990. Filwaqt li sa nofs dan is-seklu l-Unjoni Ewropea mistennija tnaqqas l-emissjonijiet tagħha b'80 sa 90% flimkien mal-pajjiżi oħra żviluppati. Dawn il-miri mistennija jintlaħqu permezz ta' qafas legali li jindirizza diversi setturi megħjun minn għajnuna finanzjarja li tingħata lill-istess setturi sabiex dawn isiru aktar sostenibbli.

Ir-ratifika ta' Malta flimkien ma' dik tal-Unjoni Ewropea u l-Istati Membri l-oħra li huma Franza, l-Ungerija, l-Awstrija, il-Portugall, l-Islovakkja u l-Ġermanja kienet kruċjali biex il-Ftehim ta' Pariġi jiġi fis-seħħ għaliex b'hekk intlaħaq in-numru ta' pajjiżi li l-emissjonijiet tagħhom jammontaw għal 55% tal-gassijiet serra fid-dinja. Malta għaldaqstant hija kburija li kienet parteċipi f'dan il-pass storiku biex il-pjaneta tibqa' sostenibbli għall-ġenerazzjonijiet preżenti u futuri.

Ta' min isemmi wkoll li Malta diġà għandha qafas legali nazzjonali biex timplimenta l-Ftehim ta' Pariġi u l-miri tal-Unjoni Ewropea f'dan il-qasam, wara li l-Parlament Malti unanimament kien approva f'Ġunju tas-sena l-oħra l-Att fuq Azzjoni dwar il-Klima. Din is-sena wkoll ġew mwaqqfa taħt dan l-istess qafas leġiżlattiv il-Bord dwar l-Azzjoni fuq il-Klima u l-Fond dwar l-Azzjoni fuq il-Klima.

L-isfidi huma ħafna imma dan il-Gvern huwa determinat li jkompli dejjem jinvesti f'enerġija aktar nadifa u li jnaqqas l-emissjoniet mis-setturi kollha.

Ikun tajjeb ukoll li nżomm il-Kamra aġġornata bl-aħħar żviluppi mill-Kunsill tal-Ministri tal-Ambjent li tlaqqa' b'mod straordinarju, u li ddiskuta proprju r-ratifikazzjoni tal-Ftehim ta' Pariġi.

Tajjeb illi jingħad li minħabba li dan il-Ftehim kien wieħed li jgħajjat lill-Unjoni Ewropea kif ukoll lill-Istati Membri, magħruf bħala *shared competence agreement*, kien jeħtieġ li biex bħala Unjoni Ewropea jiġi rratifikat kien hemm bżonn l-appoġġ tat-tmienja u għoxrin Stat Membru kif ukoll il-kunsens tal-Parlament Ewropew.

Qabel dħalna għal din il-laqgħa, kien hemm pajjiżi li kienu qed jirriservaw il-pożizzjoni tagħhom dwar jekk l-Unjoni Ewropea kellhiex tirratifika dan it-trattat b'effett immedjat inkella le.

Malta ma qablitx ma' dawk il-pajjiżi li kienu qed jirriservaw il-pożizzjoni tagħhom u waslet il-messaġġ li kienet tkun opportunità mitlufa jekk l-Unjoni Ewropea bħala blokk ma tibgħatx messaġġ b'saħħtu fuq azzjoni pożittiva ħalli jitnaqssu l-emissjonijiet, wara li kienet l-Unjoni Ewropea stess li fuq livell internazzjonali imbuttat u ħadmet kemm felħet biex naslu għall-ftehim ta' Pariġi.

F'din il-laqgħa l-pajjiżi Membri kollha qablu li l-Unjoni Ewropea għandha tirratifika dan il-ftehim. U għalhekk kienet ta' bilħaqq importanti din il-laqgħa biex fi spirtu ta' djalogu l-Istati Membri jaslu għal pożizzjoni komuni fuq ir-ratifika ta' dan il-Ftehim.

Il-pass li jmiss issa huwa li f'Novembru titlaqqa' l-konferenza tal-partijiet tal-United Nations Framework Convention on Climate Change sabiex, issa li l-ftehim ta' Pariġi ġie fis-seħħ, isiru diskussjonijiet dwar l-aħjar metodu sabiex l-obbligi mifthiema jibdew ikunu implimentati. Bħall-pajjizi l-oħra kollha Malta ser tippartecipa f'dawn il-laqgħat b'mod attiv fil-kwadru tal-Unjoni Ewropeja.